KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 76

Is-sitta u sebgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 18 ta' Diċembru 2017 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Kris Busietta | Vici Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-seduta bdiet fis-18.45 ghaliex qabel kien hemm prezentazzjoni dwar l-izvilupp tal-Fortina.*

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

*76.1 Qari tal-ittri ta' apologiji ;*
*76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ;*
*76.3 Komunikazzjoni mis-Sindku ;*
*76.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ;*
*76.5 Rapporti ;*
*76.6 Public Procurement Regulations 2018 ghall-Kunsilli Lokali*
*76.7 Fuljett tal-Kunsill*
*76.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u /jew Sotto Kumitat*
*76.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*76.10 Mozzjonijiet ;*
*76.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

**76.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

76.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-ittra ta' apoloġija tal-Vici Sindku biex jiġi skuzat minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil ghal din l-apologija.

*Il-Kunsillier M. Briguglio dahal ghas-seduta fis-18.53*

**76.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

76.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 75 tas-seduta tat-18 ta' Ottubru, 2017 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

76.2.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera ghall-punt 75.5.1 u talab li tizdied il-frazi 'Il-Kunsillier P. Radmilli sostna li jekk xejn l-art ta' latrini pubblici taqa` taht id-Dipartiment tal-Artijiet. Kien hemm qbil dwar dan.

76.2.3 Il-Kunsilliera M. Aquilina irreferiet ghall-punt 75.6.1 u talbet korrezzjoni li wara l-kelma 'kunsillier' jizdied l-isem Paul Radmilli. Kien hemm qbil dwar dan.

76.2.4 Il-Kunsillier P Radmilli gibed l-attenzjoni dwar minuta 75.6.2 illi huwa kien hareg mill-laqgha tal-Kunsill u ghaldaqstant ma kienx ghad hemm kworum. Ghaldaqstant, l-ahhar decizjoni dwar li l-laqgha annwali ghar-residenti sabiex issir nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2018 fis-6pm ma ittiehditx waqt li l-laqgha kienet bi *Laqgha annwali ghar-residenti*

kworum. Is-Segretarju u l-Kunsilliera innutaw li dan setgħa gara bi zvista. Il-Kunsilliera qablu li l-minuta titnehha, izda, li xorta waħda l-laqgha annwali tinzamm nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2018 fis-6pm u dan peress illi f'Jannar ikun hemm aktar partecipazzjoni ta' residenti milli f'Dicembru.

76.2.5 Il-Kunsillier D. Muscat propona l-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet mitluba. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti gew iffirmati. *Approvazzjoni tal-minuti 75_23/11/2017*

## 76.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

76.3.1 Is-Sindku irrefera ghall-punt 75.4.4 dwar tizjin tal-Milied fejn qal li kien hemm kunsilliera li rrimarkaw ghaliex din is-sena l-Kunsill ma ramax tizjin u dawl ghall-Milied. *Tizjin tal-Milied*

Is-Sindku fakkar li dan is-suggett kien gie diskuss f'laqgha tal-Kunsill fejn kien hemm qbil mill-Kunsilliera li din is-sena l-Kunsill ma jonfoqx flus ghat-tizjin. Is-Sindku fakkar ukoll fir-rimmarki negattivi li l-Kunsill kien ikollu mis-*Sliema Business Community* fuq it-tizjin. Is-Sindku fakkar li hemm bzonn li nkunu aktar tim mghaqud u jekk isir qbil fil-Kunsill, ikun aktar xieraq li ma jintqalux kummenti individwali li jmorru kontra dak li jkun miftihem fil-Kunsill.

Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li filwaqt li taqbel ma dan kollhu li qal is-Sindku xorta tahseb li din is-sena kienet wahda fqira u qalet ukoll li kellha diversi kritika mir-residenti. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li l-iskuza tal-flus mhux valida meta intefqu hafna flus f'oggezzjonijiet ghall-permessi ta' bini mal-PA.

Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li ma jfissirx li ghas-sena d-diehla l-Kunsill m'ghandux jiddiskuti jekk ghandux ikun hemm tizjin. Madankollu l-Kunsill jemmen li *Sliema Business Community* ghandha tikkontribbwixxi ukoll ghall-ispejjes. Il-Kunsillier J. Pillow issuggerixxa li l-qliegh ta' min jirriklama fuq il-*frames* tal-aluminium imur ghat-tizjn tal-Milied.

Kien hemm qbil li jigi ffurmat kumitat dwar it-tizjin tal-Milied u se jkun maghmul mis-Segretarju Ezekuttiv, il-Kunsilliera J. Pillow, V. Galea Pace u M. Aquilina.

76.3.2 Is-Sindku informa li l-Kunsill, ghalkemm talab diversi drabi ghas-servizzi ta' *Green Wardens* anke bi hlas, dawn qatt ma ntbghatu. Il-Kunsill gie infurmat li hem proposta mill-*Cleansing Services Directorate* sabiex jibdew jintbghatu ufficcjali u jsewgwu problemi relatati mal-iskart. Mal-ufficjali tas-CSD ikun hem ukoll Pulizija li jharrek skond il-bzonn. *Ufficjali mis-CSD dwar it-tindif*

Il-hlas tal-Pulizija huwa ta' Ewro 20 fis-siegha. Ma kull shift ta' erbgha sieghat li jhallas il-Kunsill, is-CSD jghatu shift huma b'xejn min-naha taghhom.

Il-Kunsill qabel li jkun hemm zewg *shifts* ta' erbgha sieghat fil-gimgha. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw kif ukoll J. Pillow issuggerew li fil-bidu jkun hemm aktar sieghat halli jkun hem impatt ikbar.

Is-Sindku talab lill-Kunsilliera li jekk ikollhom rapport ta' fejn jistghu jmorru dawn l-ufficcjali jibghatu lill-Kunsill biex jikkordina l-iskeda taghhom. Il-Kunsillier J. Pillow issuggerixxa li jkun tajjeb li meta wiehed jirraporta jindika l-post ezatt u l-hin ta' fejn ikun hemm l-iskart. Kien hemm qbil li dan is-serizz jibda minnufih. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li tajjeb li l-Kunsill javza fuq *facebook* li se jkun hemm l-infurzar. Kien hemm qbil dwar dan.

76.3.3 Il-Kunsilllier P. Portelli issuggerixxa li ghandu jkun hemm ammont allokat fil-*budget* ghar-riklamar fuq *facebook* b'mod regolari ghal attivitatjiet jew inizjattivi tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel. *Marketing*

76.3.4 Is-Sindku irrefera ghal mod kif il-Kunsill jibghat il-*flyers* tieghu ta' hargiet jew informazzjoni ohra lir-residenti taghna. Is-Sindku qal li gie moghti kuntatt fejn il-Kunsill jista jikkonsidra li jibda jibghat l-messaggi tieghu permess ta' SMS. Kien hemm qbil li niltaqghu ma' rapprezentanta ta' din il-kumpanjia ghall-aktar dettalji. *Bulk SMS*

76.3.5 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li gie avvicinat mill-kuntrattur tal-gbir tal-iskart domestiku peress li Jum il-Milied se jkun it-Tnejn u dak in-nhar jingabar l-iskart tal-borza s-sewda, fejn talbu biex tinbiddel il-gurnata biex l-kolletturi jibqghu mal-familja fil-gurnata tal-Milied. Kien hemm diskussjoni ghaliex jekk ikun hemm tibdil ir-residenti ma jkunux jafu u nispiccaw bl-iskart fit-toroq mhux migbur fil jiem tal-Milied. Kien hemm diskussjoni ukoll peress li l-ghada tkun il- *Gbir ta' skart fil-gurnata tal-Milied*

gurnata tar-riciklagg u l-iskart jaf ikompli jakkumula. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li waqt is-seduta kien qieghed jikkomunika mal-kuntrattur u se tkun qeghda tittiehed decizjoni aktar tard f'din is-seduta stess.

*Il-Kunsillier P. Portelli gie skuzat li jitlaq mis-seduta fis-19.53*

76.3.6 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-laqgħa li kellu hu flimkien mas-Sindku, il-Kunsilliera J. Pillow u M. Birguglio maċ-Ċermen tal-Awtorita tal-Ippjanar, is-Sur Buttigieg. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li għandu jsir studju ta' kemm bini ser ikun hemm skond il-permessi li qegħdin jingħataw mill-PA u a bazi ta' dan, isir construction plan sabiex il-Kunsill jista jipproponi lill-Awtoritajiet kif jistgħu jipprevenu u jipjanaw ahjar għal din is-sitwazzjoni. *Studju ghal construction plan*

Il-Kunsillier P. Radmilli qal li fil-laqgħa issemma wkoll li għandu jsir follow up meeting, fejn din id-darba, jkun hemm rapprezentanza mill-uffiċċju tat-Transport Malta ukoll. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk il-Kunsill jistghax jagħmel dan l-istudju bil-perit tagħna, l-Perit Robert Grech. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb fil-pozittiv peress illi l-kuntratt kien maħsub għal tali eventwalitajiet.

Kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-perit biex naraw l-istima u jiġi inkluz fil-budget. Ic-Ċerman tal-PA offra li tali studju jiġi mħallas mill-Awtorita.

76.3.7 Il-Kunsilliera M. Aquilina irrimarkat li hemm bzonn li nirreferu lit-Transport Malta b'dawk ir-*reserved parking* li hemm kontra r-regolamenti. Is-Sindku kien diga kellem lit-Transport Malta dwar dan u kellhom jaraw. Il-Kunsill ghandu jara mat-Trasport Malta f'hiex wasal dan il-process. *Reserved parking*

76.3.8 Is-Sindku irrefera ghall-progett ta' Triq Parisio, u ressaq l-hsieb jekk dan hux se jkun passagg privat jew pubbliku. Il-Kunsil irid jara min se jiehu hsieb dan il-passagg fil-futur. Is-Sindku qal li fl 'Outline Plan' hemm kundizzjoni li jkun hemm arranġament bejn il-Kunsill, PA u sidien fuq il-manteniment u aċċessibbilta tal-isqaq. *Triq Parisio*

## 76.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

*76.4.1* Ma kienx hemm punti dwar dan.

**76.5 RAPPORTI**

76.51 Ma kienx hemm rapporti.

**76.6 PUBLIC PROCUREMENT REGULATIONS 2018 GHALL-KUNSILLI LOKALI**

76.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta d-dokumenti dwar il-*Procurement Guidelines 2017* tal-Kunsilli Lokali. L-ewwel u qabel kollox is-Segretarju indika illi r-regolamenti jghidu illi il-kap tal-*procurement* tal-Kunsill Lokali huwa is-Segretarju Ezekuttiv.

Fost affarijiet ohra s-Segretarju Ezekuttiv spjega kif issa l-ammont ghad-*direct order* ma jridx ikun iktar minn Ewro 5000 (eskluz il-VAT), u f'dan il-kaz il-Kunsill ikun irid jitlob tlett kwotazzjonijiet bil-miktub. Meta l-ammont ikun bejn Ewro 5,000 u Ewro 10,000 (eskluz il-VAT) tissejjah kwotazzjoni permezz tas-sistema tal-EPPS. Jekk l-ammont ikun ghola min dan tinhareg sejha ghal-*tenders*.

76.6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif ser ikun compost ukoll il-kumitat tal-evalwazzjoni tat-tenders. *Head of Contracting Authority* ser ikun is-Segretarju Ezekuttiv, u l-membri l-ohra tal-Kumitat ser ikunu avukat, *accountant* tal-Kunsill u raprezentant tekniku (skond it-tender in kwistjoni) li jista jkun ukoll Kunsillier.

76.6.3 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk ghadiex tapplika li trid tkun *cheapest compliant offer*. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hem modi diversi kif jistghu jinhargu it-tenders. Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa jekk kienx hemm konsultazzjoni mal-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb fil-pozittiv.

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw giet skuzata li titlaq mis-seduta fit-20.21*

76.6.4 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill kien mexa tajjeb bis-sistema EPPS u li ma kienx hem ebda appell fl-ebda mit-tenders li hargu u gew aggudikati. Il-Kunsill ser jibda b'dawn il-proceduri godda b'effett mill-1 ta' Jannar 2018.

*Il-Kunsillier P. Radmilli gie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-20.30*

## 76.7 FULJETT TAL-KUNSILL

76.7.1 Il-Kunsill gie mfakkar li l-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta mit-Times of Malta dwar il-proposta taghhom stess ghall-gazzetta gdida *'The Sliema Times'*.

Kien hemm qbil li l-Kunsill ghandu jmexxi bil-fuljett tieghu ga la darba l-gazzetta ma regghetx giet lura bi proposta konkreta. Il-Kunsillier D. Muscat qal li l-ahjar ikun hemm kumitat apposta. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-ahjar ma jkunx hemm artikli minn Kunsilliera u jkun hemm informazzjoni dwar proposti u xoghlijiet li saru mill-Kunsill kif ukoll ritratti. Kien hemm qbil dwar dan u li jkun hemm ukoll riklami.

Kien hemm qbil ukoll li dan il-fuljett jigi ppubblikat kull tlett xhur u li jkun f'forma ta' gazetta, karta A3 *folded*. Kien hemm qbil li m'hemmx bzonn li jigi ffurmat kumitat. Is-Segretarju Ezekuttiv offra li jkun l-editur ghal dan il-fuljett, u dan sakemm ikun hemm partecipazzjoni mill-Kunsilliera billi huma ukoll jiktbu xi artikoli. Kien hemm qbil li l-ewwel harga tkun ghall-ahhar t'April 2018.

## 76.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

76.8.1 Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill irid iktar jaghmel reklamar ahjar dwar l-attivitajiet tieghun bhal ezempju r-ritratti tal-attivita Wirt u Niesha ghadhom ma gewx ippubblikati. Kien hemm qbil li l-Kunsillier D. Muscat jibghat ir-ritratti lis-Segretarju Ezekuttiv ghal fuq *facebook*. Is-Sindku propona li ghal attivitajiet simili ikun hemm koordinazzjoni, il-Kunsilliera jibdew jibghatu r-ritratti lesti lis-Segretarju Ezekuttiv u s-Segretarju jiehu hsieb li jippubblikhom fuq *facebook*. *Pubblikazzjoni ta' attivitajiet tal-Kunsill*

*Il-Kunsillier M. Briguglio gie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-20.47*

## 76.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

76.9.1 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera ghal pagament numru 11 dwar xoghlijiet li saru fi Triq Qui Si Sana. Il-punt li xtaq jiccara li qal li mhux l-ewwel darba li jigi ccertifkat ix-xoghol mil-Perit tal-Kunsill *certifikazzjonjiet mill-perit*

imbghad ikollu jerga jsir ghaliex jinqala u jerga jigi ccertifikat. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-indikazzjoni li kellhu mill-perit hi li *core tests* ghall-verifika tax-xoghlijiet isiru meta jkollna progetti u xoghlijiet magguri, mhux ghall-bicciet ta' bankini li qed nghamlu.

Jekk il-Kunsill irid anke *core tests* ta' dawn il-bicciet, ser ikollu jassorbi il-hlas tat-*tests* b'mod sproporzjonat ghall-ammont ta' xoghol li jkun sar.

76.9.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hu flimkien mas-Sindku sejrin l-Awtorita tal-Ippjanar biex isir l-iffirmar tal-ftehim tal-Ewro 180,000 li l-Kunsill akkwista biex isiru mill-gdid partijiet ta' Triq Guze Howard. *Triq Guze Howard*

76.9.3 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera ghall-pagament numru 19 fejn irimarka li l-Kunsill ghandu jitlob ghal rifuzjoni tal-hlasijiet tac-citazzjoniiet fuq il-van tal-Kunsill peress li dan beda jintuza sabiex isiru xoghlijiet fil-lokalita. *citazzjonijiet*

Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill kien diga kiteb lill-LESA fejn talab li c-citazzjonijiet jigu irtirati ghaliex il-haddiema kienu fi Triq il-Kbira fejn hemm il-*camera* u kienu qeghdin jahdmu f'dik il-parti u kellhom bzonn il-van minhabba l-materjal li jkollhom fih. LESA ma rrispondiex lill-Kunsill u l-Kunsill kelllu jhallas ic-citazzjoni ghaliex kien se jkun minghajr licenzja tal-van. Kien hemm qbil li l-Kunsill ghandu jitlob *refund* lil LESA ghal dawn ic-citazzjonijiet.

76.9.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar il-pagamaent li jsir kull xahar ghal *cash in transit*. Il-Kunsillier qal li l-Kunsill qieghed ihallas ghal servizz ta' flus li qeghdin jingabru ghal kumpanija ohra. Is-Segretarju qal li dak huwa biss parti mill-hlas. Parti ohra huma flus tal-Kunsill dirett. Izda, kompla is-Segretarju, li din hija materja li trid tigi diskussa fuq livell ta' AKL mhux haga li tappartjeni ghal Tas-Sliema biss. *Cash in transit*

76.9.5 Gie nnotat li l-pubbliku xi drabi jkollu inkonvenjent biex ihallas fl-ufficju tal-Kunsill ghaliex il-Kunsill jaccetta biss hlas b'cekk jew cash. Kien hemm suggeriment jekk ghandiex titpogga *credit card machine*. *Credit card machine*

76.9.6 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti. Il-Kunsillier J. Pillow propona l-approvazzjoni. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil mill-Kunsill u l-pagamenti tal-kontijiet *Approvazzjoni tal-pagamenti*

gew approvati.

**76.10 MOZZJONIJIET**

76.10.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

**76.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

76.11.1 Is-seduta intemmet fid-21.12 ta` filghaxija. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar 2018 fis-6pm.

Minuti approvati llum 23 ta' Jannar 2018

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**